MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 177/2005

**Captain Morgan Leisure Limited**

**vs**

**Michael Stivala**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hemes mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM2,521.10,0), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici ghall-biljetti ta' eskursjonijiet provduti lilu fuq talba tieghu stess;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-interpellazzjoni bonarja u ufficcjali, u bl-interessi sa mid-data ta’ meta l-ammonti saru dovuta, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta’ Lulju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------